BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 09/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2009 fis-2.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 08/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/09 -* Il-Kamra ddiskutiet kwotazzjoni mill-Enemalta sabiex issir lampa fi sqaq ġo Triq Għar Dalam. Is-somma għal dan ix-xogħol hi ta' €1305. Wara diskussjoni il-Kamra għaddiet għall-vot u din il-kwotazzjoni ġiet aċċettata b'ħames voti favur u tnejn kontra.

*02/09 -* Il-Kunsill irċieva diversi ittri ta' ilmenti u suġġerimenti mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa AD 1990 rigward il-festa. Wara diskussjoni, fejn kemm is-Sindku kif ukoll R.Zahra wrew id-dispjaċir tagħhom dwar ċertu ilmenti, il-Kamra aċċettat li tagħmel laqgħa ma' din l-Għaqda sabiex jiġu diskussi id-diversi punti li jissemmew f'dawn l-ittri.

## ***AĠENDA -3***

Il-Kunsill ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-ħaddiema fir-rigward tal-ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt, fejn żewġ ħaddiema minn tlieta aċċettaw li jaħdmu Sibt minn kull tlieta flimkien ma' *part-timer.* Is-Segretarju Eżk. issuġġeriet wkoll li l-uffiċċju jinfetaħ mit-8.00 sal-11.30 ta' filgħodu għall-pubbliku imma l-ħaddiema jibqgħu sa nofsinhar sabiex jagħmlu rikonċiljazzjoni. Il-Kamra laqgħet dawn il-proposti u ntlaħaq ftehim li l-Kunsill għandu jimpjega *part-timer* għal kull nhar ta' Sibt u *reliever* għal darba kull tlett Sibtijiet u f'każ ta' problemi oħra. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -4***

T.Roberts u J.Baldacchino li huma l-Kunsilliera li jieħdu ħsieb is-sistema tal-Gwardjani Lokali wrew id-diżappunt tagħhom fir-rigward ta' kif qegħda titħaddem is-sistema. Apparti li l-Kunsill m'għandu l-ebda kontroll sabiex jikkommunika mal-Gwardjani qed ikun hemm ukoll dewmien sabiex ningħataw ċertu servizzi. Il-Kamra qablet li għanda tissejjaħ laqgħa mal-Kumitat Konġunt sabiex jiġu ndirizzati dawn il-problemi.

***AĠENDA -5***

Fuq diversi lmenti dwar l-indafa tal-latrini pubbliċi, R.Zahra spjega lill-Kamra dwar l-ispezzjonijiet li hu għamel fil-latrini pubbliċi. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur fuq l-affarijiet ħżiena li kien hemm u dawn ġew irranġati. Is-Sindku rrimarka li pero' għad hemm każi fejn il-latrini qed ikunu maħmuġin u li ma jkunx hemm *attendant* magħhom. Għaldaqstant il-Kamra qablet li għandu jinħareġ *written warning* u ssir laqgħa mal-Kuntrattur. Ukoll is-Sindku informa l-Kamra li qed ikun hemm diversi lmenti mir-residenti fuq il-knis tat-toroq fejn il-kuntrattur m'huwiex jimxi skond l-iskeda tal-kuntratt. Il-Kamra qablet li f'dan il-każ ukoll għanda tinħareġ *written warning* u tintalab laqgħa mal-Kuntrattur.

***AĠENDA -6***

Ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kamra l-Ittra ta' Direzzjoni li ppreparaw l-awdituri tal-Gvern wara li ffinalizzaw l-awditjar tas-sena finanzjarja 2008-2009 u r-risposta għal din l-ittra biex tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Awditur Ġenerali.

***AĠENDA -7***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Settembru '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €48356.00 titħallas skond Skeda Nru. 09/09.

***AĠENDA -8***

1. Is-Sindku informa l-Kamra li l-Kuntrattur beda x-xogħol ta' asfaltar fi Triq Sant'Anġlu flok fi Triq Il-Musbieħ u Triq Il-Bżulija minħabba problema minn naħa ta' l-Enemalta.

2. Is-Sindku wera d-dispjaċir tiegħu li ma setax ikun preżenti għal 'Jum Birżebbuġa' u għaċ-ċelebrazzjoni ta' 'Jum Il-Vitorja' fejn għal din ta' l-aħħar ħadd mill-*media* mistiedna ma kienet preżenti.

3. R.Zahra ġibed l-attenzjoni li l-*patching* f'Ta' Sanserna għadu ma sarx, kif ukoll talab sabiex isir qtugħ ta' ħaxix minn Benghisa u minn Wied Il-Qoton (mill-gunpost 'il fuq).

4. T.Roberts ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-*aircondition* fis-Sala sa issa għadu ma twaħħalx wara diversi tentattivi sabiex nagħmlu kuntatt mal-Kuntrattur. Għaldaqstant il-Kamra qablet li għandna nbiddlu l-Kuntrattur mat-tieni l-orħos wieħed - Is-Sur David Schembri għall-prezz ta' € 2140.

5. J.Baldacchino rrimarka li l-bankina ta' Triq San Ġwann hemm bżonn li titbaqqan minħabba li saret tiżloq.

6. Is-Sindku nforma l-Kamra li fi Triq Il-Port Ħieles hemm sqaq bla isem u għalhekk talab s-suġġerimenti tal-Kunsillieri sabiex jinstab isem għal dan l-isqaq. Il-Kamra qablet li għandna nitolbu l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex dan l-isqaq jissemma SQAQ TA' FAQQANIJA.

7. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-attivita' ta' 'Jum Il-Missier' li saret nhar id-19 ta' Ġunju 2009 fejn id-dħul kien ta' € 1359.00 u l-ħruġ kien ta' € 1763.00. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' €404.00.

8. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

a) Il-kwistjoni li kien hemm bejn il-Kunsill, l-Enemalta Corporation u n-Nexos Street Lighting Ltd. ġiet riżolta.

b) Il-Kunsill applika għal Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 (Memo 42/2009 tirreferi) fejn jekk jingħata l-fondi mitluba ser jorganizza ġurnata ta' logħob tradizzjonali.

c) Il-proġett ENPI fejn il-Kunsill daħal bi sħab ma' lokalitajiet barranin sabiex japplika għal-lampi jixegħlu bl-enerġija solari,minħabba raġunijiet varji nbidel u issa ser nidħlu bi sħab ma' l-istess lokalitajiet sabiex issir applikazzjoni għal *training centre* fejn residenti minn dawn il-lokalitajiet ikunu jistgħu jitgħallmu fuq il-manutenzjoni u t-tiswija ta' *solar panels*.

d) Il-Kamra ġiet ippreżentata r-rendikont ta' nfiq għal *Youth Courses* li saru ġewwa Bucharest. Il-Kamra approvat l-ispiża ta' € 405.50.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 14 ta' Ottubru 2009 fil-5.30pm. .

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## *Schedule of Payments 09/09*

## *Period 01/09/2009 till 30/09/2009*

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7417 | Charles Fenech | Tipper truck - July 09 | 1518.00 |
| 7476 | Charles Fenech | Tipper truck - August 09 | 1386.00 |
| 7478 | Swallow Garage | Trips to Day Center | 251.55 |
| 7482 | Tino 2000 | Office Supplies | 25.40 |
| 7483 | JJ Ironmongery | Various Hardware Goods | 1031.69 |
| 7475 | Andrew Fleri Soler | Toner | 55.00 |
| 7474 | Joe Schembri | Office Furniture | 300.00 |
| 7481 | Johanna Caruana | Accountacy Services | 186.60 |
| 7484 | Water Services Corporation | Misrah Repubblika Final Bill | 93.45 |
| 7485 | WasteServ Malta Ltd. | Bring in Sites July 09 | 296.59 |
| 7494 | Zurrieq Joint Committee | LES Expenses March & April 2009 | 11004.77 |
| 7487 | Water Services Corporation | Gnien il-Kunsill | 211.53 |
| 7488 | Ronald & Chris Bezzina | Extra Work | 70.00 |
| 7489 | Vodafone Malta Ltd. | Telephone Expenses | 34.70 |
| 7486 | Water Services Corporation | Pretty Bay Final Bill | 30.38 |
| 7490 | Alfred Schembri & Sons | Holes & Bollards | 3575.00 |
| 7491 | Go | Telephone Expenses | 438.95 |
| 7472 | Nexos | Light Repairs | 1270.74 |
| 7511 | Mifsud Saviour | Mechanical Sweeping August 09 | 1389.50 |
| 7480 | ELC | Public Gardens August 09 | 1147.92 |
| 7520 | New Era Waste Services | Street Cleaning August 09 | 2382.08 |
| 7506 | Ronald & Chris Bezzina | Public Conveniences August 09 | 1017.29 |
| 7506 | Ronald & Chris Bezzina | Public Places August 09 | 332.92 |
| 7453 | CVA | Parking in Valletta - Project delivery | 0.82 |
| 7416 | Wage | Support Services | 249.50 |
| 7418 | Petty Cash | Petty Cash | 107.74 |
| 7454 -57 | Salaries | Salaries and Wages August 09 | 4062.40 |
| 7507 | Horace Enterprises Ltd. | Mementos - Jum Birzebbuga | 67.26 |
| 7508 | MG Pulis | Repairs to grass cutter and mutur tal-hart | 405.52 |
| 7519 | Raymond Cutajar | School Hall Opening - May - Aug 09 | 353.76 |
| 7510 | Melita | Yearly Service | 126.16 |
| 7493 | Carmen Debattista | Library Opening - August 09 | 89.44 |
| 7460 | Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | Meeting - Sept 09 | 200.00 |
| 7497 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7496 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7498 | Peter Briffa | Reimbursed Expenses | 25.00 |
| 7492 | V. Brincat | Newspapers | 44.22 |
| 7479 | Pauline Ellul | Office Cleaning | 76.00 |
| 7505 | RVS Ltd. | Refuse Collection - Sept 09 | 6878.90 |
| 7504 | Hightech Office Repairs | Photocopy Repair + drum | 276.12 |
| 7502 | Ian Debattista | Computer Support | 53.01 |
| 7499 | Smart Office | Stationery | 222.22 |
| 7503 | Duraprint | Stationery | 30.68 |
| 7500 | JM Installations | Light Repairs | 2361.25 |
| 7473 | Nexos | Electricity Bill - Re demarcation points | 3241.36 |
| 7477 | Doves | Various Goods and plants | 1354.58 |
| | | **Total Paid** | **48356.00** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**